**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Diċembru 2019

Rikors Numru: 414/19 AL

**AB**

u

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors konġunt li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti u li permezz tiegħu ippremettew:

1. Illi r-rikorrenti żżewġu fl-20 ta' Jannar 2003 kif jidher miċ-ċertifkat taż-żwieġ anness u mmarkat Dok A u minn dan iż-żwieġ kellhom tifla jisimha YB li twieldet fil-ħdax ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa (11/11/2004).

2. Illi l-partijiet ilhom kważi tmien snin, ċioe' ferm iktar minn erba' snin, 'de jure' separati kif jirriżulta mill-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet datat sebgħa (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u ħdax

(2011) fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood (kopja tal-kuntratt annessa Dok B).

3. Illi l-partijiet baqgħu jgħixu ħajja distinta u separata minn xulxin u kull parti għandha rabtiet oħra. Illi m'hemm ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u ilhom iktar minn erba' snin ma jgħixu flimkien bħala koppja.

4. Illi fil-kuntratt ta' separazzjoni tas-7 ta' Novembru 2011, il-partijiet diġa' rregolaw il-kwistjonijiet kollha dwar kura, kustodja, aċċess u manteniment tat-tifla Y fi Klawsoli 6 sa' 8 tal-kuntratt, u l-partijiet AB U CB ddekadew minn u rrrinunzjaw rispettivament mid-dritt li jeżiġu manteniment mingħand xulxin skond Klawsola 4 tal-kuntratt. Illi ma hemm ebda pendenzi dwar manteniment jew arretrati ta' mantenimenti dovuti.

5. Illi fi Klawsola 20 tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 7 ta' Novembru 2011, il-partijiet qablu wkoll li l-kundizzjonijiet kollha miftehmin minnhom fl-istess kuntratt għandhom jibqgħu viġenti anke f' każ ta' ħall ta' żwieġ.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbu lill-Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejniet il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Settembru, 2019;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mis-7 ta' Novembru tas-sena 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.